NCPE

Ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea

# Vakanza

## KOORDINATUR TA' PROĠETT

**(Permess ta' *Jobsplus* Nru: 686/2022)**

Bħala parti mill-proġett 101083556 *Strengthening Knowledge on Integration and Non-Discrimination (SKIN),* inħolqot vakanza għall-pożizzjoni ta' **Koordinatur ta' Proġett**, fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE). Din il-vakanza hija fi Skala ta' Salarju 7 tas-Servizz Pubbliku.

Din il-pożizzjoni tingħata b'kuntratt definit fuq bażi *full-time* (li jiskadi f' Ottubru 2024) fejn il-persuna magħżula tkun responsabbli għal għadd ta' attivitajiet relatati mal-proġett, fosthom:

- li ġġor responsabbilita` sħiħa tal-ippjanar, koordinazzjoni, implimentazzjoni, u amministrazzjoni tal-proġett mill-bidu sat-tmiem tiegħu;
- li tkun responsabbli għall-iskrutinju finanzjarju ta' kull pagament, *procurement* u monitoraġġ tal-proġett;
- li żżomm kuntatt mas-*service providers* u li tassigura li x-xogħol jitwettaq skont kif miftihem f'kull kuntratt rispettiv;
- li tikkomunika u żżomm relazzjoni tajba l-ħin kollu mal-imsieħeb tal-proġett;
- li torganizza b'mod effettiv u f'waqthom laqgħat ta' konsultazzjoni, sessjonijiet ta' taħriġ u *focus groups*; u
- li tipprepara kampanja/i ta' għarfien u tassigura li dawn jitwettqu f'waqthom b'kontenut korrett.

Il-Koordinatur tal-proġett għandu/ha jkollu/ha:
**Jew** kwalifika ta' Masters rikonoxxuta f'Livell 7 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 60 ECTS/ECVET kredits, jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2008), fis-Soċjoloġija, Psikoloġija, Antropoloġija, *Public Policy, Social Policy*, Kummerċ, Liġi, Studji Ewropej, Komunikazzjoni, Studji Internazzjonali, jew *Social Work*, jew kwalifikazzjoni professjonali kumparabbli flimkien ma' sena (1) esperjenza ta' xogħol f'immaniġjar ta' proġetti.

**Jew** kwalifika ta' Bachelor rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 180 ECTS/ECVET kredits, jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2003) fis-Soċjoloġija, Psikoloġija, Antropoloġija, *Public Policy, Social Policy*, Kummerċ, Liġi, Studji Ewropej, Komunikazzjoni, Studji Internazzjonali, jew *Social Work*, jew kwalifikazzjoni professjonali kumparabbli flimkien ma' tlett (3) snin esperjenza f'xogħol relevanti, fejn sena (1) minnhom tkun esperjenza ta' xogħol f'immaniġjar ta' proġetti.

Il-kandidati għandhom ikollhom ħila li jaħdmu f'tim, ikollhom għarfien tajjeb tal-qasam tal-ugwaljanza, ikunu jafu jużaw sew il-kompjuter u kapaċi jużaw sew l-applikazzjonijiet relevanti tal-*Microsoft Office.* Huwa essenzjali li l-kandidati jkollhom kapaċitajiet tajba ta' komunikazzjoni, inkluż kitba eċċellenti tal-Malti u tal-Ingliż. Esperjenza / għarfien fl-*Accounts, Project Management* u Kuntratti Pubbliċi tal-Gvern huma meqjusa bħala vantaġġ.

Dawk kollha interessati għandhom jibagħtu l-ittra tagħhom, flimkien ma' CV dettaljat fuq l-email equality@gov.mt lid-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE **sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Marzu 2023.** Applikazzjonijiet li jaslu tard wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

NCPE
Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda ĦMR 9010
Tel: 2276 8200
E-mail: equality@gov.mt
Web: www.ncpe.gov.mt

**Programm Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri 2021-2027**
Proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' ko-finanzjament: 90% fondi Ewropej; 10% fondi Nazzjonali